SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

18 ta' Novembru 2010 *

Fil-Kawża C-356/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Settembru 2009, fil-proċedura

Pensionsversicherungsanstalt

vs

Christine Kleist,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev (Relatur), A. Rosas, U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Pensionsversicherungsanstalt, minn A. Ehm, Avukat,

— għal C. Kleist, minn H. Forcher-Mayr, Avukat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Kreuschitz u M. van Beek, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187) kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 255) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 76/207").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn C. Kleist u l-persuna li timpjegaha, il-Pensionsversicherungsanstalt (iktar 'il quddiem il-"korp tal-assigurazzjoni tax-xjuħija") dwar il-kundizzjonijiet tat-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol ta' C. Kleist.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Id-Direttiva 76/207, li ġiet abrogata bid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, p. 23) b'effett mill-15 ta' Awwissu 2009, fl-Artikolu 2 tagħha kienet tipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet li ġejjin, il-prinċipju ta' trattament ugwali għandu jfisser li m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni tkun xi tkun fuq bażi ta' sess sew direttament kif ukoll indirettament b'referenza b'mod partikolari għall-i status konjugali jew tal-familja.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

— diskriminazzjoni diretta: meta persuna waħda hija ttrattata anqas favorevolment fuq bażi ta' sess minn oħra hija, kienet jew tista' tiġi ttrattata f'sitwazzjoni paragunabbli,

— diskriminazzjoni indiretta: meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentament newtrali tista' tqiegħed persuni ta' sess minnhom fi żvantaġġ partikolari meta pparagunati ma persuni tas-sess l-ieħor, kemm-il darba dik id-dispożizzjoni,

kriterju jew prattika ma tkunx ġustifikata b'mod oġġettiv minn mira leġittima, u l-mezzi biex jintlaħaq din il-mira ma jkunux xierqa u meħtieġa,

[…]"

4 Skont l-Artikolu 3(1)(ċ) ta' din id-direttiva, "[l]-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta fuq il-bażi ta' sess fis-setturi pubbliċi jew privati, inklużi korpi pubbliċi, fir-rigward ta' […] impjieg u kondizzjonijiet ta' xogħol, inklużi s-sensji, kif ukoll paga kif [kienu] previsti fid-Direttiva 75/117/KEE" tal-Kunsill, tal-10 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 179).

5 L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1978, dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215) jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jeskludu mill-għan tagħha:

a) l-iffissar ta' età tal-pensjoni sabiex jingħataw pensjonijiet ta' l-anzjanità u rtirar u l-konsegwenzi li jistgħu jiġu minnhom għall-benefiċċji l-oħra;

[…]"

Id-dritt nazzjonali

6 L-Artikoli 1 sa 3 tal-Liġi kostituzzjonali federali dwar l-età differenti tal-irtirar applikabbli għall-persuni assigurati ta' sess maskili u għal dawk ta' sess femminili (Bundesverfassungsgesetz über unterschiedliche Altersgrenzen von männlichen und weiblichen Sozialversicherten) tad-29 ta' Diċembru 1992 (BGBl. 832/1992), jipprovdu kif ġej:

"Artikolu 1. Id-dispożizzjonijiet legali li jipprovdu etajiet differenti għall-irtirar tal-persuni assigurati ta' sess maskili u femminili li jaqgħu taħt sistema legali ta' sigurtà soċjali huma leġittimi.

Artikolu 2. Mill-1 ta' Jannar 2019, l-età li tagħti d-dritt għall-pensjoni ta' irtirar antiċipat għall-persuni assigurati ta' sess femminili ser tiżdied b'sitt xhur mill-1 ta' Jannar ta' kull sena sal-2028.

Artikolu 3. Mill-1 ta' Jannar 2024, l-età li tagħti d-dritt għall-pensjoni ta' irtirar għall-persuni assigurati ta' sess femminili ser tiżdied b'sitt xhur mill-1 ta' Jannar ta' kull sena sal-2033."

7 Il-Liġi ġenerali dwar is-sigurtà soċjali (Allgemeines Sozialversicherungsgesetz) tad-9 ta' Settembru 1955 (BGBl. 189/1955), kif emendata (iktar 'il quddiem l-"ASVG"), tapplika kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegati, bis-saħħa tal-Artikolu 270 tagħha. L-Artikolu 253(1) ta' din il-liġi jipprovdi li meta jagħlqu l-età normali tal-irtirar, li hija ta' 65 sena għall-irġiel u ta' 60 sena għan-nisa, il-persuni assigurati għandhom dritt għal pensjoni ta' rtirar fil-każ fejn ikun intemm il-perijodu minimu ta' kontribuzzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 236 tal-imsemmija liġi.

8 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li fid-dritt Awstrijak il-pensjoni ta' rtirar legali (mogħtija taħt l-ASVG) ma tistax titnaqqas għaliex tinżamm relazzjoni ta' xogħol jew l-eżerċizzju ta' attività professjonali indipendenti wara li tinqabeż l-età li tagħti d-dritt għall-imsemmija pensjoni.

9 Il-ftehim kollettiv applikabbli għall-kawża prinċipali huwa l-Iskema Speċjali B applikabbli għat-tobba u għad-dentisti impjegati ma' korpi ta' sigurtà soċjali Awstrijaċi (Dienstordnung B für die Ärzte und Dentisten bei den Sozialversicherungsträgern Österreichs, iktar 'il quddiem id-"DO.B"). Dan il-ftehim kollettiv jistabbilixxi sistema speċjali ta' tkeċċija fejn l-impjegati, li jkunu ħadmu għal għaxar snin jew iktar malkorp li jħaddimhom, ikunu jistgħu jitkeċċew għal ċerti raġunijiet speċifiċi biss.

10 L-Artikolu 134 tad-DO.B jipprovdi kif ġej:

"[…]

2) It-tobba, li ma jistgħux jitkeċċew, jistgħu jirtiraw jekk

[…]

2. [ikollhom] dritt għall-pensjoni ta' irtirar skont l-Artikolu 253 tal-ASVG […]

[…]

4) Il-Bord tad-Diretturi jista' jġiegħel tabib, li ma jistax jitkeċċa, jirtira meta dan tal-aħħar

1. jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt [...] 2 […] tat-tieni paragrafu

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 C. Kleist, imwielda fi Frar 1948, kienet impjegata bħala tabib prinċipal mal-korp tal-assigurazzjoni tax-xjuħija.

12 Dan tal-aħħar kien ħa d-deċiżjoni li jkeċċi lill-impjegati kollha tiegħu, irġiel jew nisa, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jiġu mġiegħla jirtiraw skont id-DO.B. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Jannar 2007, C. Kleist informat lill-persuna li timpjegaha li ma kellhiex l-intenzjoni li tirtira mas-60 sena, iżda li xtaqet taħdem sal-età ta' 65 sena. Madankollu, permezz ta' ittra tas-6 ta' Diċembru 2007 din ikkomunikatilha d-deċiżjoni tagħha li ġġegħelha tirtira mill-1 ta' Lulju 2008.

13 C. Kleist ikkonstestat it-tkeċċija tagħha quddiem il-Landesgericht Innsbruck (Qorti Reġjonali ta' Innsbruck). Is-sentenza mogħtija minn din tal-aħħar fl-14 ta' Marzu 2008, fejn hija kienet tilfet il-kawża, intbiddlet permezz ta' sentenza mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2008 mill-Oberlandesgericht Innsbruck (Qorti tal-Appell

ta' Innsbruck) li tat deċiżjoni bħala qorti tal-appell fil-qasam tad-dritt tax-xogħol u tad-dritt soċjali. Il-korp tal-assigurazzjoni tax-xjuħija sussegwentement ippreżenta rikors fuq punt ta' liġi quddiem l'Oberster Gerichtshof (Qorti Suprema).

14 L-Oberster Gerichtshof tenfasizza li s-sistema ta' tkeċċija stabbilita mid-DO.B tidderoga mis-sistema ġenerali stabbilita mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwantu din tal-aħħar tipprovdi li t-terminazzjoni unilaterali tar-relazzjoni tax-xogħol, bħala prinċipju, ma għandhiex tiġi ġġustifikata. Madankollu, hija tindika li dan il-fatt ma jeskludix l-applikazzjoni tal-protezzjoni ġenerali kontra t-tkeċċija abbużiva pprovduta, taħt ċerti kundizzjonijiet, mill-imsemmija leġiżlazzjoni, fil-każ fejn din it-terminazzjoni tippreġudika l-interessi essenzjali tal-ħaddiem u fejn il-persuna li timpjegaha ma tistax tiġġustifikaha permezz ta' raġunijiet marbuta mal-impriża jew mal-ħaddiem b'mod personali.

15 Imbagħad il-qorti tar-rinviju ssostni li, sabiex jiġi ddeterminat jekk din it-terminazzjoni tippreġudikax l-interessi essenzjali tal-ħaddiem, hija meħuda inkunsiderazzjoni l-kopertura tas-sigurtà soċjali li jibbenifika minnha dan tal-aħħar, b'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna d-dħul ta' pensjoni ta' rtirar. Issa, l-istess kriterju huwa applikat fil-kuntest tad-dispożizzjoni tad-DO.B inkwistjoni fil-kawża prinċipali, liema dispożizzjoni tawtorizza lill-persuna li timpjegaha sabiex ma tapplikax protezzjoni kontra t-tkeċċija, li hija waħda msaħħa meta mqabbla ma' dik li tirriżulta mis-sistema legali, għall-ħaddiema li għandhom pensjoni ta' rtirar u billi għaldaqstant, tiftaħ il-possibbiltà li jiġu impjegati ħaddiema iżgħar fl-età.

16 L-Oberster Gerichtshof tistaqsi jekk il-kriterju tas-sitwazzjoni soċjali tal-ħaddiem, li għaldaqastant jista' juża d-dritt Awstrijak fil-qasam tat-tkeċċija, għandux jittieħed inkunsiderazzjoni, bl-istess mod bħall-kriterju tal-età, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-paragun bejn is-sitwazzjonijiet tal-ħaddiema. Din il-qorti tirrileva li l-irġiel u n-nisa huma ttrattati bl-istess mod f'dan ir-rigward, peress li huma jitilfu l-benefiċċju

tal-protezzjoni msaħħa kontra t-tkeċċija mogħtija mid-DO.B hekk kif jibbenifikaw minn kopertura ta' sigurtà soċjali.

17 Il-qorti tar-rinviju tqis li għal dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-portata tal-libertà ta' azzjoni li għandhom l-Istati Membri fit-tfassil tal-miżuri fil-qasam tal-politika tal-impjieg, il-punti tad-dritt li tqajjem din il-kawża li għandha quddiemha, ma ġewx iċċarati biżżejjed mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja b'mod li jippermettilha tagħti d-deċiżjoni tagħha.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fil-kuntest ta' sistema tal-liġi tax-xogħol li fiha l-protezzjoni ġenerali kontra t-tkeċċija abbużiva hija mogħtija abbażi tad-dipendenza soċjali (finanzjarja) tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol tiegħu, l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva [76/207], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li ftehim kollettiv jinkludi dispożizzjoni li tipprovdi protezzjoni partikolari li tmur lil hinn mis-sistema legali ġenerali ta' protezzjoni kontra t-tkeċċija abbużiva, iżda li tapplika biss sakemm il-ħaddiem ikun soċjalment (finanzjarjament) kopert, li normalment ikun il-każ meta dan jirċievi pensjoni ta' rtirar, meta din il-pensjoni hija mħallsa f'mumenti differenti skont jekk ħaddiem huwiex raġel jew mara?

2) L-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva [76/207] jipprekludi, fil-kuntest ta' sistema tal-liġi tax-xogħol imsemmija iktar 'il fuq, li min iħaddem fis-settur pubbliku jkeċċi ħaddiema mara ftit xhur wara li din tkun kisbet id-dritt għal pensjoni ta' rtirar, sabiex jimpjega applikanti ġodda li jkunu diġà qed jirsistu sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol?"

Fuq id-domandi preliminari

19 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tarrinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/2007 għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tippromwovi l-aċċess għall-impjieg taʼ persuni iżgħar fl-età, tippermetti lill-persuna li timpjega, li hija rregolata mid-dritt pubbliku, tkeċċi lill-impjegati li jkunu kisbu d-dritt għall-pensjoni taʼ rtirar, meta għan-nisa dan id-dritt huwa miksub ħames snin qabel l-età li fiha jiksbu dan id-dritt l-irġiel, tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess li hija projbita minn din id-direttiva.

Osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja

20 Skont C. Kleist, peress li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti lill-persuna li timpjega tobbliga lil impjegata tirtira meta hija tilħaq l-età li tagħtiha d-dritt għal pensjoni taʼ rtirar, jiġifieri 60 sena, filwaqt li d-dritt għal din il-pensjoni huwa miskub fʼetajiet differenti skont jekk l-impjegat ikunx raġel jew mara, tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. L-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/207 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi tali leġiżlazzjoni.

21 C. Kleist tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeciedi wkoll dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 taʼ Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79). Hija ssostni li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li fost oħrajn, hija twassal għal diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età.

22 Il-korp tal-assigurazzjoni tax-xjuħija jsostni li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxi trattament differenti indirettament ibbażat fuq is-sess li huwa ġġustifikat fid-dawl tal-għan ta' promozzjoni tal-impjieg ta' persuni iżgħar fl-età u għaldaqstant, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni illegali. Huwa jqis, barra minn hekk, li għandha tiġi evitata sitwazzjoni fejn in-nisa jistgħu jakkumulaw il-paga tagħhom flimkien mal-pensjoni legali, filwaqt li l-irġiel ma għandhomx din il-possibbiltà.

23 Il-Kummissjoni Ewropea tqis li l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/207 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li ftehim kollettiv jinkludi dispożizzjoni li tipprovdi protezzjoni speċjali li tmur lil hinn mis-sistema ġenerali legali ta' protezzjoni kontra t-tkeċċija iżda li tapplika biss sakemm l-impjegat ikollu kopertura ta' sigurtà soċjali li tipprovdilu riżorsi finanzjarji, dak li normalment jiġri meta dan jirċievi pensjoni ta' rtirar, meta d-dritt għal din il-pensjoni huwa miksub f'etajiet differenti skont jekk l-impjegat ikunx raġel jew mara. L-għan ta' promozzjoni tal-impjieg ta' persuni iżgħar fl-età ma jistax jiġġustifika tali leġiżlazzjoni.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

24 Preliminarjament għandu jiġi rrilevat li l-kwistjoni tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-pensjoni ta' rtirar, minn naħa, u dik tal-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni ta' relazzjoni ta' xogħol, min-naħa l-oħra, huma distinti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, 152/84, Ġabra p. 723, punt 32).

25 Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/207 jipprovdi li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għal dak li jirrigwarda il-kundizzjonijiet ta' tkeċċija jimplika n-nuqqas ta' kwalunkwe diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess fis-settur pubbliku jew privat, inkluż il-korpi pubbliċi.

26 F'dan ir-rigward, limitu ta' eta iffissat għall-irtirar obbligatorju tal-ħaddiema fil-kuntest ta' politika ġenerali ta' rtirar ġestit mill-persuna li timpjega, anki jekk dan l-irtirar iwassal għall-għoti ta' pensjoni ta' rtirar, jidħol fil-kunċett ta' tkeċċija li tinsab f'din id-dispożizzjoni, li huwa kunċett li għandu jinftiehem f'sens wiesa' (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34, u Beets-Proper, 262/84, Ġabra p. 773, punt 36).

27 Minn dan isegwi li peress li C. Kleist ġiet obbligata tirtira mill-persuna li timpjegaha, skont id-deċiżjoni meħudha minnha li tkeċċi lill-ħaddiema kollha li kisbu d-dritt għal pensjoni ta' rtirar, il-kawża prinċipali tikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' tkeċċija fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/207.

28 L-ewwel nett għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li politika ġenerali ta' tkeċċija, li tinvolvi t-tkeċċija ta' impjegata għas-sempliċi raġuni li hija tkun laħqet jew qabżet l-età meta hija jkollha dritt għal pensjoni ta' rtirar, liema età tkun differenti għall-irġiel u għan-nisa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, li hija pprojbita mid-Direttiva 76/207/KEE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Marshall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

29 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 76/207, ikun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna

waħda tkun ittrattata inqas favorevolment fuq bażi ta' sess minn kif persuna oħra hija, kienet jew tista' tiġi ttrattata f'sitwazzjoni paragunabbli.

30 F'dan il-każ, mill-punt 2 tal-Artikolu 134(2) u l-punt 1 tal-Artikolu 134(4) tad-DO.B jirriżulta li t-tobba li ma jistgħux jitkeċċew jistgħu madankollu jitkeċċew meta huma jiksbu d-dritt għal pensjoni ta' rtirar fis-sens tal-Artikolu 253 tal-ASVG. Issa, skont l-imsemmi Artikolu 253(1), l-irġiel jiksbu dan id-dritt meta jkunu għalqu l-65 sena u n-nisa meta jkunu għalqu s-60 sena. Minn dan jirriżulta li l-ħaddiema nisa jistgħu jitkeċċew meta jkunu għalqu s-60 sena, filwaqt li l-ħaddiema rġiel jistgħu jitkeċċew biss wara li jkunu għalqu l-65 sena.

31 Peress li l-kriterju użat minn tali dispożizzjonijiet huwa indissolubbli mis-sess tal-ħaddiema jeżisti għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-korp ta' assigurazzjoni tax-xjuħija, trattament differenti bbażat direttament fuq is-sess.

32 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk, f'kuntest bħal dak irregolat mill-imsemmija dispożizzjonijiet, il-ħaddiema nisa li għandhom bejn is-60 u l-65 sena jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli, fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 76/207, għal dik tal-ħaddiema rġiel tal-istess kategorija ta' età.

33 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-fatt li l-ħaddiema nisa, li għandhom minn 60 sena sa 65 sena, għandhom kopertura ta' sigurtà soċjali bis-saħħa tal-pensjoni ta' rtirar, huwiex tali li jagħti natura speċifika lis-sitwazzjoni ta' dawn il-ħaddiema, meta pparagunata mas-sitwazzjoni tal-ħaddiema rġiel tal-istess kategorija ta' età, li ma għandhomx tali kopertura.

34 Għandha tiġi eżaminata n-natura paragunabbli ta' tali sitwazzjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tal-għan tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi it-trattament differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 2004, Hlozek, C-19/02, Ġabra p. I-11491, punt 46, kif ukoll, b'analoġija, tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 26).

35 Fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi t-trattament differenti inkwistjoni għandha l-għan li tirregola l-kundizzjonijiet li taħthom l-impjegati jistgħu jitlfu l-impjieg tagħhom.

36 Fil-kuntest ta' din il-kawża prinċipali, għall-kuntrarju ta' kif kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenzi tad-9 ta' Novembru 1993, Roberts (C-132/92, Ġabra p. I-5579, punt 20), u Hlozek, iċċitata iktar 'il fuq (punt 48), il-vantaġġ mogħti lill-ħaddiema nisa li jikkonsisti f'li jistgħu jitolbu għall-pensjoni ta' rtirar minn ħames snin qabel l-età ffissata għall-ħaddiema rġiel ma għandux relazzjoni diretta mal-għan tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi trattament differenti.

37 Fil-fatt, l-imsemmi vantaġġ ma jistax ipoġġi lill-ħaddiema nisa f'sitwazzjoni speċifika meta pparagunata mal-ħaddiema rġiel, peress li l-irġiel u n-nisa jinsabu f'sitwazzjonijiet identiċi għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 1986, Roberts, 151/84, Ġabra p. 703, punt 36).

38 Barra minn hekk, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, iċ-ċirkustanza msemmija fil-punt 33 tas-sentenza preżenti tirriżulta mill-fatt li r-Repubblika Awstrijaka

xtaqet tistabbilixxi, skont l-eċċezzjoni għall-prinċipju ta' trattament ugwali msemmi fl-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7, sistema li tipprovdi differenza bejn l-irġiel u n-nisa għal dak li jirrigwarda l-età legali tal-irtirar bl-għan li tikkompensa l-iżvantaġġi soċjali, familjari u ekonomiċi li jsofru minnhom in-nisa.

39 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li, fid-dawl tal-importanza fundamentali tal-prinċipju ta' trattament ugwali, l-eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess prevista f'din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett, fis-sens li tapplika biss għall-iffissar tal-età tal-irtirar għall-għoti ta' pensjonijiet tax-xjuħija u ta' rtirar u għall-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw minnhom għall-benefiċċji oħrajn ta' sigurtà soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Marshall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36; tal-21 ta' Lulju 2005, Vergani, C-207/04, Ġabra p. I-7453, punt 33, u tas-27 ta' April 2006, Richards, C-423/04, Ġabra p. I-3585, punt 36).

40 Peress li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna, kif jirriżulta mill-punt 27 tas-sentenza preżenti, it-tkeċċija fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/207 u mhux biss il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7, l-imsemmija eċċezzjoni għaldaqstant ma tapplikax għal din il-leġiżlazzjoni.

41 Fit-tielet lok, id-Direttiva 76/207 tagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, id-diskriminazzjoni bbażata direttament fuq is-sess u, min-naħa l-oħra, dik imsejħa "indiretta", fis-sens li huma biss id-dispożizzjonijiet, kriterji jew prattiki li jistgħu

jikkostitwixxu diskriminazzjoni indiretta li jistgħu, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(2) tagħha, jevitaw li jiġu kklassifikati bħala diskriminazzjoni bil-kundizzjoni li jkunu "ġustifikat[i] b'mod oġġettiv minn mira leġittima, u l-mezzi biex tintlaħaq din il-mira ma jkunux xierqa u meħtieġa". Madankollu, tali possibbiltà ma hijiex ipprovduta għat-trattamenti differenti li jistgħu jikkostitwixxu diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi peress li, minn naħa, it-trattament differenti stabbilit minn leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa direttament ibbażat fuq is-sess filwaqt li, bħalma jirriżulta mil-punt 37 tas-sentenza preżenti, is-sitwazzjonijiet tan-nisa u tal-irġiel huma identiċi f'din l-istanza u li, min-naħa l-oħra, id-Direttiva 76/207 ma tinkludix deroga li tapplika, f'dan il-każ, għall-prinċipju ta' trattament ugwali, għandu jiġi konkluż li dan it-trattament differenti jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Vergani, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

43 Għaldaqstant, l-imsemmi trattament differenti ma jistax jiġi ġġustifikat mill-għan ta' promozzjoni tal-impjieg ta' persuni iżgħar fl-età, kif jinvoka l-korp tal-assigurazzjoni tax-xjuħija.

44 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni ta' eżistenza possibbli ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, fis-sens tad-Direttiva 2000/78, għandu jitfakkar li fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 234 KE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li hija obbligata tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti

s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Rosenbladt, C-45/09, Ġabra p. I-9391, punt 32).

45 Peress li l-qorti tar-rinviju ma għamlitx lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva u sa fejn mid-deċiżjoni tar-rinviju lanqas ma jirriżulta li l-eżistenza ta' tali diskriminazzjoni ġiet allegata fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-eżami ta' tali problema ma jidhirx li huwa utli għas-soluzzjoni tal-imsemmija kawża..

46 Għaldaqstant, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 76/207 għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tippromwovi l-aċċess għall-impjieg ta' persuni iżgħar fl-età, tippermetti lill-persuna li timpjega tkeċċi lill-impjegati li jkunu kisbu d-dritt għall-pensjoni ta' rtirar, meta għan-nisa dan id-dritt huwa miksub ħames snin qabel l-età li fiha jiksbu dan id-dritt l-irġiel, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess, li hija projbita minn din id-direttiva.

Fuq l-ispejjeż

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol, kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tippromwovi l-aċċess għall-impjieg ta' persuni iżgħar fl-età, tippermetti lill-persuna li timpjega tkeċċi lill-impjegati li jkunu kisbu d-dritt għall-pensjoni ta' rtirar, meta għan-nisa dan id-dritt huwa miksub ħames snin qabel l-età li fiha jiksbu dan id-dritt l-irġiel, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess, li hija pprojbita minn din id-direttiva.

Firem